**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 348 tat-28 ta' Mejju 2025 dwar risposti għal mistoqsijiet parlamentari li dehru fuq il-media soċjali**

Fis-Seduta 346 tas-26 ta' Mejju 2025, wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor. Naomi Cachia ġibdet l-attenzjoni tas-Sedja, u qalet hekk:

> "**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, ġiet għall-attenzjoni tiegħi post fuq il-midja soċjali li kienet tikkonsisti minn ritratt ta' suppost tweġiba għal mistoqsija parlamentari. Fil-verità dak li ġie ppubblikat qatt ma kien fid-dominju pubbliku għaliex it-tweġiba li kienet ingħatat dak iż-żmien kienet tpoġġiet b'mod interim, jiġifieri kellha tingħata f'seduta oħra. Fil-fatt it-tweġiba attwalment ġiet ippubblikata llum u allura qatt ma kienet fid-dominju pubbliku u ċertament ma nafx kif spiċċat fuq Facebook. Għalhekk nitlob lis-Sedja biex forsi tagħmel il-verifiki tagħha. Nista' ngħaddilek id-dettalji b'mod privat ukoll."

Is-Sedja rrispondiet:

> "Għaddili kollox imbagħad nara jien."

L-Onor. Cachia kienet qiegħda tagħmel referenza għall-mistoqsija parlamentari 26921, dwar 'Santa Luċija – Ċentru Ċiviku', intavolata mill-Onor. Bernice Bonello fis-26 ta' Marzu 2025 u li taqra hekk:

> "**26921. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm diskussjonijiet bejn il-Kummissarju għat-Tfal u l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija u/jew entitajiet oħra, dwar il-binja taċ-Ċentru Ċiviku f'Santa Luċija?"

Din il-mistoqsija kienet ġiet imwieġba fis-Seduta 337 tal-5 ta' Mejju 2025, meta l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal wieġeb hekk:

> "**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra."

Minn dokumenti li l-Onor. Naomi Cachia għaddiet lis-Sedja, jirriżulta li f'post fuq Facebook dehret kopja tal-istess mistoqsija parlamentari bi tweġiba differenti minn dik li ngħatat fis-Seduta 337.

Is-Sedja jirriżultalha li r-risposta li ngħatat fil-Parlament għall-mistoqsija parlamentari 26921 hija proprju dik li ngħatat lill-Onor. Membru kif indikat aktar kmieni, u li ġiet ċirkolata fil-ktejjeb li jiġi stampat qabel kull seduta bil-mistoqsijiet parlamentari li jkunu jidhru fuq l-aġenda ta' dik is-seduta, flimkien mat-tweġibiet għalihom.

Fil-bidu ta' kull seduta, minbarra dan il-ktejjeb bil-mistoqsijiet u t-tweġibiet għalihom, tiġi stampata separatament kopja ta' kull mistoqsija u t-tweġiba għaliha, liema kopja tingħata lil dak il-Membru li jkun għamel il-mistoqsija. F'dan il-każ meta l-Onor. Bernice Bonello ngħatat kopja tal-mistoqsija b'din it-tweġiba, ċjoè li "t-tweġiba tingħata f'seduta oħra", hija ssottomettiet mill-ġdid mistoqsija parlamentari oħra ffirmata minnha stess biex tkun tista' tingħata tweġiba f'seduta oħra. Din hi l-mistoqsija 28019 li dehret fl-aġenda tas-Seduta 346

tas-26 ta' Mejju 2025, u li fil-fatt ġiet imwieġba mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Se nikkwota din il-mistoqsija u t-tweġiba li ngħatat:

**"SANTA LUĊIJA - ĊENTRU ĊIVIKU**

**28019. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 26921 u jgħid jekk kienx hemm diskussjonijiet bejn il-Kummissarju għat-Tfal u l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija u/jew entitajiet oħra, dwar il-binja taċ-Ċentru Ċiviku f'Santa Luċija?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ma kienx hemm diskussjonijiet/laqgħat bejn il-Kummissarju għat-Tfal u l-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija rigward il-binja taċ-Ċentru Ċiviku f'Santa Luċija.

Minkejja dan, kien hemm diskussjoni interna fuq il-materja mal-kunsill."

Is-Sedja tikkonkludi li l-unika risposta li ħarġet mill-Parlament għall-mistoqsija parlamentari 26921 hija dik li ngħatat fil-Kamra fis-Seduta 337 u l-ebda risposta oħra li setgħet dehret fuq xi mezz tal-midja.